MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 876/2007/1

**Meliton Group Limited (C8193)**

**v.**

**Alexander u Antonia konjuġi Debono**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-intimati Alexander u Antonia konjuġi Debono li permezz tiegħu qegħdin jitolbu liil din il-Qorti:

(1) tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 2010;

(2) tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellanti;

(3) tiddikjara li x-xogħlijiet ma sarux bi vjolenza jew bil-moħbi;

(4) tiddikjara li t-tieni element (*spoliatum fuisse*) ma jirriżultax pruvat peress illi għar-raġunijiet fuq spjegati, il-konvenuti kellhom il-kunsens neċessarju biex isiru x-xogħlijiet in kwistjoni;

(5) tiddikjara li l-konvenut Alexander Debono mhux il-leġittimu kontradittur;

(6) konsegwentement tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti appellata.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` rikorrenti appellata.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti :

**"Rat** ir-rikors mahluf presentat fl-<u>20 ta' Awissu 2007</u> li <u>testwalment</u> jaqra kif gej :

*""<u>Dikjarazzjoni dwar l-oggett tal-kawza</u>*

*"1. Illi s-socjeta' attrici tikri l-fond ossia 'store' numru erbatax (14) fi Triq Santu Rokku, Zebbug, li hu sottostanti ghal propjeta' tal-konvenuti.*

*"2. Illi ghall-ahhar ta' Lulju jew granet verjuri l-konvenuti jew agenti terzi minnhom inkarigati kontra kull kunsens tal-kumpanija attrici ghaddew xi katusi tad-dranagg billi niffduhom mis-saqaf tal-fond mikri, ghaddew*

*medda ta' l-istess katusi minn mas-saqaf u baqghu nezlin bihom ghal go 'gully' li kien diga' jezisti fl-istore in kwestjoni, u liema gully gie minnhom maghluq.*

*"3. Illi s-socjeta' attrici permezz tad-direttur taghha David Meli ipprotestat mal-konvenuti ghax-xogholijiet in kwestjoni u talbithom sabiex jergghu jirripristinaw kollox ghall-istat li kien qabel, billi jaqilghu dak kollu li ghamlu.*

*"Raguni tat-Talba*

*"Illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll di fronte tal-kumpanija attrici stante ai termini ta' l-Artikolu 535 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u jimmeritaw l-istess konvenuti jigu kkundannati jirripristinaw is-sitwazzjoni ghall-istatus quo ante billi jnehhu u jirrimwovu kull xoghol li ghamlu.*

*"Talba*

*"Ghaldaqstant il-kumpanija attrici qieghda ghar-ragunijiet fuq imsemmija bil-qima titlob lil din l-Onorabbli Qorti :*

*"1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti jew min minnhom kif fuq spjegat jikkostitwixxi spoll ai termini tal-Artikolu 535 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ; u sussegwentement ;*

*"2. Tordna u tikkundanna lill-istess konvenuti occorrendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi sabiex fi zmien qasir u perentorju li lilhom jigi prefiss inehhu x-xogholijiet kollha li ghamlu fl-imsemmi store b'mod illi tigi ripristinata s-sitwazzjoni ghall-istatus quo ante ;*

*"3. Fin-nuqqas illi l-istess konvenuti jaghmlu x-xogholijiet lilhom hekk ordnati fiz-zmien lilhom prefiss, il-kumpanija attrici tigi awtorizzata sabiex taghmel ix-xogholijiet kollha mehtiegha ghall-iskopijiet tat-tieni talba, u dan a spejjez ta' l-istess konvenuti ;*

*“4. F’kaz illi l-kumpanija attrici ikollha taghmel ix-xogholijiet li fid-dawl tat-tieni talba, allura l-istess konvenuti jigi kkundannati jhallsu l-ispejjez kollha inkorsi mill-istess kumpanija attrici ghax-xogholijiet li jkunu ghamlu, u dan wara li l-istess spejjez jigu kkonfermati mill-perit mahtur mill-istess Qorti biex jissorveljaw tali xogholijiet.*

*“B’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici.*

*“Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

*“Dikjarazzjoni ta’ David Meli fil-kwalita’ personali tieghu kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta’ Meliton Group Limited*
*“Bil-gurament tieghu jikkonferma :*

*“1. Jiena flimkien ma’ hija Raymond Meli diretturi tal-kumpanija Meliton Group Limited u nikru minghand Philip Agius l-istore numru 14, Triq Santu Rokku, Haz-Zebbug (DOK A).*

*“2. Illi ricentement u ghall-habta tat-28 ta’ Lulju 2007 il-konvenuti jew terzi agenti minnhom inkarigati, kontra l-kunsens tal-kumpanija, qabdu u ghamlu xi xogholijiet ta’ komunikazzjoni ta’ dranagg billi ghaddewhom mis-saqaf ta’ l-imsemmi store ghal go gulley li llum huwa maghluq.*

*“3. Illi qabel ma saru dawn ix-xogholijiet, zewg il-konvenuta cempilli biex naghtih permess jghaddi dawn il-katusi, u jien infurmajtu li b’ebda mod ma ridt naghti dan il-permess. Jiena sirt naf illi saru dawn il-katusi minghand hija li kien qalli li fethilhom biex jaghmlu x-xogholijiet, u dan wara li spjegali li l-attrici jew familjari taghha kienu tawh x’jifhem illi jien kont qbilt li jghaddu l-katusi meta dan kien assolutament mhux minnu.*

*“4. Illi jiena spjegajt lil hija li dan mhux minnu u li allura kienu dahqu bina, b’mod specjali meta l-garage mhuwiex taghna izda mikri. Di fatti bhala inkwilin il-kumpannija attrici hija obbligata tinforma lis-sid b’dawn*

*ix-xogholijiet. Kif appena jiena sirt naf b'dawn ix-xogholijiet jien cempilt lill-familja Attard u wegbitni Antonia Attard, li ghamlet ta' bir-ruha li ma taf bl-ebda katusi. B'konsegwenza ta' din it-telefonata ircevejt l-ittra tas-6 ta' Awissu 2007 fejn fl-istess ittra Antonia Attard tammetti li l-katusi in kwestjoni saru (DOK B)."*

**"Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' attrici, flimkien mal-lista ta' dokumenti.

**"Rat** id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2008 (fol 28) fejn kunjom il-konvenuti kien korrett minn *Attard* ghal *Debono.*

**"Rat** ir-risposta tal-konvenuti presentata fl-1 ta' Lulju 2008 (*fol*. 23) li testwalment taqra hekk:-

*""1. Illi primarjament l-intimat Alexander Debono m'huwiex il-legittimu kontradittur stante illi huwa m'ghandu l-ebda titolu fuq il-propjeta' Amadus, Triq San Rokku, Zebbug ;*

*"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrelevu li t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-avanti kawza ta' l-intimata Carmen Borg Schembri dahlet f'kuntratt pubbliku fit-22 ta' Novembru 2005 fl-atti ta' Nutar Dr. Adriana Vella (DOK A) akkwistat servitu passiva minghand Philip u Tereza konjugi Agius, is-sidien tal-garaxx mikri lis-socjeta' rikorrenti fejn kellhom "id-dritt li jittaqbu s-saqaf ta' l-imsemmi garage sabiex jghaddu dawn il-katusi".*

*"3. Illi kull xoghol li sar bil-kunsens u bl-approvazzjoni tas-socjeta' rikorrenti meta d-direttur Raymond Meli (ID 4654448M) mhux biss ta l-approvazzjoni tieghu izda anke mar u fetah il-garaxx ghall-haddiema ta' l-intimati.*

*"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

**“Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti (*fol* 24) fejn, in aggunta ma’ mal-kontenut fir-risposta taghhom, ziedu jghid hekk :

*““1. Illi l-intimat Alexander Debono m’ghandu l-ebda titlu fuq il-propjeta’ Amadus, Triq San Rokku, Zebbug ;*

*“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrelevu li t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-avanti kawza ta’ l-intimata, Carmen Borg Schembri dahlet f’Kuntratt Pubbliku fit-22 ta’ Novembru 2005 fl-atti ta’ Nutar Dr. Adriana Vella (Dok A) akkwistat servitu passiva minghand Philip u Tereza konjugi Agius, is-sidien tal-garaxx mikri lis-socjeta’ rikorrenti, fejn kellhom “id-dritt li jittaqbu s-saqaf ta’ l-imsemmi garage sabiex jghaddu dawn il-katusi” ;*

*“3. Illi kull xoghol li sar bil-kunsens u bl-approvazzjoni tas-socjeta’ rikorrenti meta d-direttur, Raymond Meli (ID 4654448M) mhux biss ta l-approvazzjoni tieghu, izda anki mar u fetah il-garaxx ghall-haddiema ta’ l-intimati ;*

*“4. L-intimata kienet interpellat lil Philip Agius sabiex jassigura l;i s-servitu imsemmi fil-kuntratt tat-22 ta’ Novembru 2005 ma jkunx imfixkel mis-socjeta’ rikorrenti. Raymond Meli cempel lill-intimata Antonia Debono u saru l-arrangamenti biex isiru x-xogholijiet waqt li l-intimati kienu fuq il-honeymoon ;*

*“5. Illi x-xogholijiet saru taht is-sorveljanza ta’ l-istess Raymond Meli.”*

**“Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti flimkien mad-dokument esebiti minnhom (*fol*. 15).

**“Gharblet** u qieset bir-reqqa l-provi tal-partijiet ;

**“Semghet** is-sottomissjonijiet bil-fomm li ressqu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-23 ta’ Novembru 2009 ;

**“Rat** id-digriet taghha tat-23 ta’ Novembru 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

**“Ikkunsidrat -**

“Din hija kawza ta’ spoll. L-iskop ewlieni ta’ azzjoni ta’ din ix-xorta huwa radikat fuq esigenzi ta’ utilita’ socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, sabiex ikun imhares l-ordni pubbliku, sabiex jigi skansat id-dizordni civili, u sabiex jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-gustizzja b’idejh. Il-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat (“**Fenech vs Zammit”** – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 12 ta’ April 1958).

“L-istat tad-dritt jingabar bl-aktar mod **car u preciz** fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-6 ta’ Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet **“Buttigieg vs Buttigieg”** (Vol.LXXXIV.II.789) –

““… ***l-elementi essenzjali biex l-azzjoni ta spoll privileggjat tkun tista’ tregi huma l-pussess da parti ta’ l-ispoljat, il-prova li jkun sehh l-att spoljattiv ta’ dak il-pussess b’mod vjolenti jew klandestin da parti tal-ispoljant, u l-azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xaghrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv.***

***“Kwantu ghall-pussess, il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien, u mhux il-pussess animo domini, u l-konvenut f’kawza ta’ reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta’ pussess ta’ l-attur. Sahansitra l-azzjoni ta’ spoll privileggjat tista’ tigi ezercitata anke kontra l-istess propjetarju, meta dan ikun l-awtur tal-ispoll,***

***“u mhix permessa ebda eccezzjoni dilatorja qabel jigi reintegrat l-ispoll ghaliex din hija azzjoni ta’ ordni pubbliku, u hija intiza biex tipprojbixxi li wiehed jaghmel gustizzja b’idejh u minghajr l-intervent tat-***

***tribunal. Konsegwentement ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita' tal-pussess turbat u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-possessur in mala fede. It-tribunal ghandu jezamina biss il-fatt tal-pussess u l-fatt tal-ispoll.***

**"…** ***Pero' huwa mehtieg li l-attur jipprova li ghandu un possesso di fatto.***

***"… il-Qorti ghandha tillimita l-ezami taghha ghall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, skond il-kaz, bla ma tidhol fil-petitorju.***

***"… kull kwistjoni fuq il-materja ta' dritt tigi investigata fil-petitorju …"***

"Dwar il-mod kif ghandha tigi trattata kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Cardona et vs Tabone"** deciza fid-9 ta' Marzu 1992 affermat li din l-indagni li trid taghmel il-Qorti trid tkun limitatissima, rigoruza u skarna ghaliex -

""… (l-azzjoni ta' spoll) *hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss – kif ighid bl-aktar mod car l-Art.791(1) tal-Kapitolu 12, li, sfortunatament jigi hafna drabi injorat …*

**(ara wkoll "Ripard et noe vs Fenech et" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 – Vol.LXXXIV.II.285)**

**"Ikkunsidrat -**

"Din il-Qorti tghid li kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-

motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fl-assjem tal-provi, u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

"Min-naha tieghu il-konvenut huwa assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax l-oneru tal-prova tal-legittimita' u fondatezza tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement provati.

"Il-premess jissarraf kollu kemm hu fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe' x-xjenza tal-fatt allegat ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk jipprovdi wkoll l-Art.562 tal-Kap.12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata **("Theuma vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996 ; "Fenech Clarke et vs Borg et" – Qorti tal-Appell – 30 ta' Mejju 1997)**

**"Ikkunsidrat –**

"Abbazi tal-provi akkwiziti, mhux kontestat li jissussisti l-ewwel element tal-azzjoni u cioe' li l-konvenuti ghaddew katusi taghhom minn fond (14, Triq Santu Rokku, Zebbug) li kien fil-pussess materjali (*possedisse*) tas-socjeta' attrici ghax din kienet qed tokkupa dak il-fond bhala store b'titolu ta' kera minghand terzi.

"Lanqas ma hu kontestat it-tielet element tal-azzjoni u cioe' li l-azzjoni attrici kienet intavolata fit-terminu perentorju ta' xaghrejn minn meta twettaq l-ispoll allegat (*infra bimestre deduxisse*). Infatti l-konvenuti ma ressqu l-ebda eccezzjoni jew pregudizzjali f'dan is-sens fir-risposta mahlufa taghhom.

"Kien it-tieni element (*spoliatum fuisse*) li kien assidwament kontestat bejn il-partijiet. Min-naha wahda David Meli bhala rapprezentant tal-kumpannija attrici jghid li l-konvenuti ghamlu x-xogholijiet kontra l-opposizzjoni tieghu, ad insaputa tieghu u wara li ngannaw lid-direttur l-iehor Raymond Meli billi qalulu li David Meli kien tahom il-

permess meta fir-realta' kien bil-maqlub. Min-naha l-ohra, il-konvenuti, kif isostnu mill-bidu nett fir-risposta mahlufa taghhom, ighidu li tant kellhom approvazzjoni biex isir ix-xoghol li kien id-direttur l-iehor Raymond Meli li fethithom biex jahdmu kif ukoll li x-xoghol sar taht is-sorveljanza tieghu.

"Ghalhekk mill-provi li ressqu l-partijiet, din il-Qorti se tislet dawk li huma rilevanti ghall-prova tat-tieni element. Jekk dak it-tieni element jirrizulta pruvat allura l-azzjoni tirnexxi. Jekk dak l-element ma jirrizultax ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi, allura l-azzjoni ma tirnexxix anke jekk ikunu jissussistu z-zewg elementi l-ohra.

**"Ikkunsidrat –**

"Mill-assjem tal-provi akkwiziti, jirrizulta fil-qosor dan il-kwadru ta' fatti, uhud minnhom pacifici ohrajn kontestati –

"1. Fiz-zmien meta gie biex isir ix-xoghol mill-konvenuti, il-kumpannija attrici kellha zewg diretturi : David Meli u Raymond Meli. Adrian Meli (iben Raymond) kien impjegat tal-kumpannija. **Fiz-zmien in kwistjoni, iz-zewg diretturi qajla kienu jitkellmu minhabba dizgwid**.

"2. Il-konvenuti jokkupaw il-fond Amadeus, Triq San Rocco, Zebbug, li huwa sovrapost ghal garaxx li huwa mikri bhala store minn terzi lill-kumpannija attrici. Il-konvenuti riedu jbiddlu l-posizzjoni ta' kamra tal-banju li kellhom fil-fond taghhom u sabiex jaghmlu dan kellhom bilfors ighaddu katusi godda minn gol-garaxx mikri lill-kumpannija attrici. Jidher li kien diga' kellhom il-permess ta' sid il-garaxx, pero' kienu jehtiegu wkoll il-permess tal-kumpannija attrici peress li l-garaxx kien okkupat minnha u kellha mahzuna fih merkanzija taghha.

"3. Skond il-konvenut (fol 43) - *jiena l-ewwel darba cempilt lis-Sur David Meli u saqsejtu biex jiftahli l-garage biex nghaddu l-katusi**, qalli li ma jridx li jghaddu l-katusi**, qalli wkoll pero' li dawn l-affarijiet jiehu hsiebhom huh u rrid incempel lil huh.*

"4. Skond David Meli, huwa rrifjuta li jaghti permess anke jekk is-sid tal-fond jaccetta ghar-raguni li mill-garaxx diga' kienu ghaddejjin katusi ohra u biz-zieda ta' aktar katusi tal-konvenuti kien se jizdied ir-riskju ta' hsara ghall-merkanzija fil-kaz li jkun hemm skular (*leekages*).

"5. Kien fl-4 ta' Awissu 2007 meta mar il-garaxx li David Meli skopra li l-konvenuti kienu ghaddew il-katusi xorta wahda ***u ghamel xenata*** – xhieda ta' l-istess Alexander Debono – fol 45

"6. Meta David Meli kellem lil Raymond Meli dwar ix-xogholijiet li kienu saru, dan qallu li kien halla lill-konvenut ighaddi l-katusi ghax dak qallu li hu (u cioe' David Meli) kien tah il-permess.

"7. Mhux ghal kollox car u accertat min mill-ahwa Debono il-konvenut kellem l-ewwel. Dan qed jinghad biss ghall-fini ta' kronologija ghax fis-sustanza ma' min tkellem l-ewwel mhux daqstant rilevanti. Bhala fatt, David Meli kien jiehu hsieb affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kirjiet tal-kumpannija. Fix-xhieda tieghu (fol 64) Raymond Meli kien specifiku fis-sens li rrefera l-konvenut lil David Meli ghax il-permess kellu jigi minghandu.

"8. Aktar 'il quddiem fiz-zmien, il-konvenut cempel lil Raymond Meli u kellmu fis-sens li David Meli kien qallu li c-cwievet qeghdin ghand Raymond Meli u jrid ikun hu li jiftah il-garaxx. **Il-konvenut assuma li David Meli kien ta l-permess**. Direttament bejn l-ahwa Meli, qatt ma sar diskors dwar din il-kwistjoni. Skond Raymond Meli - *meta sar ix-xoghol ma kontx naf li qed nikser il-kelma ta' hija David*.

"9. Meta rega' xehed il-konvenut minn fol 85 'il quddiem, huwa bidel il-versjoni tieghu dwar il-punt krucjali tal-vertenza. Huwa xehed li ma' David Meli huwa tkellem fuq it-telephone l-ewwel darba qabel ix-xoghol u rega' kellmu wara li l-istess David Meli ra x-xoghol lest. Fl-ewwel telefonata, *hu qalli li l-ewwel haga illi huh jiehu hsieb dawn l-affarijiet* ***u t-tieni haga li hu ma jaqbilx***

***<u>pero' iridu jiftehmu bejniethom ghax kumpannija u affarijiet hekk</u>.***

"10. Fiz-zewg verzjonijiet hemm *a clear-cut difference in degree* : fil-versjoni riportata minn fol 43 il-konvenut kien tassattiv fis-sens li David Meli rrifjuta bla tlaqlieq ; fil-versjoni riportata minn fol 85 ta' x'jifhem li David Meli kien aktar possibbilista. Pero' il-*common denominator* taz-zewg verzjonijiet huwa li **<u>David Meli qatt ma qal lill-konvenut iva jista' jsir ix-xoghol</u>**. Inoltre Raymond Meli kien dipendenti fuq l-accettazzjoni ta' David Meli sabiex ix-xoghol ikun jista' jsir. Dawn il-konstatazzjonijiet huma ta' rilevanza kbira fil-kuntest tal-verzjoni kategorika ta' David Meli li mill-bidu sal-ahhar xehed li huwa qatt ma ried li jghaddu l-katusi. Kif ukoll cahad li qal xi kliem li huwa ma kienx jaqbel izda li kienu se jiddeciedu huma bhala kumpannija. Il-verzjoni ta' David Meli taghti aktar affidament ghaliex qajla kienu z-zewgt ahwa jitkellmu bejniethom, u ghalhekk kien improbabbli ferm li kienu se jlaqqghu bord tad-diretturi tal-kumpannija propju sabiex jiddiskutu t-talba tal-konvenut !

"11. Skond il-konvenut, kien dirett minn David Meli biex ikellem lil Raymond Meli. Pero' ghal xi zmien ma kienx irnexxielu jaqbad mieghu. Ghalhekk inkarika lill-avukat tieghu sabiex jikteb lil sid il-garaxx u wara li ghamel hekk ghamel kuntatt mieghu Raymond Meli. Id-domanda tigi wahedha : Ghala kiteb lis-sid u ma kitibx lill-ahwa Meli <u>direttament</u> ladarba ma kellux twegiba cara minghandhom, u ladarba ried il-permess tal-kumpannija ? Skond il-konvenut, meta Raymond Meli cempillu wara li David Meli sab ix-xoghol lest, kliemu kien fis-sens li *inti m'ghidlix li hija* (David Meli) *l-ewwel haga li qallek li ma jaqbilx imbaghad qallek iccempel lili.* Ghal dan il-konvenut wiegeb - *<u>Jien ghidtlu lilek ma stajtx naqbdek allura ktibt lis-sid</u>.*

"12. Huwa evidenti li l-konvenut mexa fuq il-presunzjoni li ladarba Raymond Meli ftiehem mieghu dwar ix-xoghol, l-ahwa Meli kienu *ftehmu u lesti li kieku mhux ha jigi biex jara x-xoghol li rridu naghmlu u ma qalli xejn isma' kieku kien il-kaz kien ighidli isma ha nigi nara x-*

*xoghol pero' l-ewwel ahna rridu niftehmu biex naqtghu il-kundanna* (fol 92). Din hija rilevanti fil-kuntest ta' dak li stqarr il-konvenut a fol 95 - *Wara li saru x-xogholijiet cempilli Raymond Meli qalli inti l-hija ghidlt, Raymond qalli hija ma kienx jaf b'din il-bicca xoghol ? Ghidtlu mhux intom kellkom tiftehmu bejnietkom ?* L-argument ta' konvenut huwa li ladarba Raymond Meli tkellem mal-plumber tieghu dwar kif se jsir ix-xoghol, sahansitra fetahlu biex jahdem u qaghad jissorvelja x-xoghol isir, allura ghal Alexander Debono dak kien ifisser li l-kumpannija kienet accettat li taghtih permess ighaddi l-katusi. Fl-affidavit tieghu (fol 57), il-plumber Carmel Caruana kkorrabora lill-konvenut bl-aggunta li wara li spezzjona l-garaxx ix-xoghol ma sarx mill-ewwel ghaliex Raymond Meli kellu jidhol l-isptar u x-xoghol kellu jsir wara li johrog mill-isptar. Meta sar il-ftehim bejn il-plumber u Raymond Meli kif ukoll meta sar ix-xoghol, Alexander Debono ma kienx Malta. Anzi l-hsieb kien li x-xoghol isir propju meta hu u martu jkunu msefrin.

"13. **Cio' nonostante dwar fatt, il-konvenut kien <u>kategoriku</u> : *.. Le jien lil Raymond qatt ma ghidtlu isma' David qalli orrajt mexxi, qatt.* (fol 95)**

**"Ikkunsidrat –**

"Il-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta' tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (<u>**"Scerri vs Falzon" – PA/AM – 24 ta' Jannar 1958 ; u "Vella vs Micallef" – PA/JSP – 30 ta' Jannar 1991**</u>)

"Biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll (<u>u cioe' t-tieni element</u>) mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm <u>**nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll**</u>. Ghalhekk il-vjolenza m'hemmx bzonn li tkun materjali. (<u>**PA/AM – 26 ta' Jannar 1957 "Dimech vs Fenech et"**</u>)

“Din is-sentenza tikkwota lil **<u>Belfiore</u>** li fuq l-iskorta tal-gurisprudenza Taljana jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet li huma applikabbli ghall-kaz taht esami –

***““Non basta ad eliminare la violenza all’altrui volonta’ <u>un semplice preavviso</u> ne’ si puo’ ritenere <u>la mancanza di risposta come adesione</u> ma’ e’ necessario il consenso, ammenocche’ questo non si possa fondatamente desumere, non occorrendo che il permesso sia ad ogni modo espresso. Ma non si puo’ ammettere il consenso solo perche’ chi si duole della spoglio, essendo stato presente all’atto, non si sia opposto o non abbia protestato ; perche’ se la presenza fa’ venire meno la clandestinita’, non puo’ dirsi che non ricorra la vis per il fatto del contegno passivo del possessore, giacche’ piu’ che interpretare il silenzio sempre come consenso, bisogna vedere se esso nel caso concreto suoni tale - non semper qui tacuit consentire videtur [Digesto Italiano, Reintegrazione (Azione di) p.20]***i”

“Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha **<u>“Zahra vs Carabott”</u>** deciza fit-2 ta’ Dicembru 1955 wara li ssostni li sabiex jigi sodisfatt it-tieni rekwizit, ma hemmx bzonn ta’ *vis atrox* u cioe’ xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga, tkompli tafferma li dik il-vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret **<u>kontra l-kunsens</u>** tal-possessur.

**“Ikkunsidrat –**

*“Sabiex tirnexxi azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil tad-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll* **<u>(“Mintoff et vs Schembri et” – Qorti tal-Appell – 27 ta’ Marzu 2003 – Vol.LXXXVII.II.149</u>**)

“Abbazi ta’ l-assjem tal-fatti, meqjus fil-kuntest tal-gurisprudenza, din il-Qorti tghid li t-tieni rekwizit irrizulta fuq bilanc ta’ probabilitajiet. Il-konvenut kien jaf li kien qed

jittratta ma’ kumpannija mmexxija minn zewg diretturi. Anke mill-mod kif kien qed igibu ruhhom mieghu, kellu jkun ragonevolment evidenti ghall-konvenut li kien hemm disgwid bejniethom, mhux partikolarment dwar il-kwistjoni, izda disgwid intern generali fil-kumpannija li kien qed jirrifletti ruhu fil-kwistjoni tieghu. Ghalkemm fil-kwistjoni kien sar litteralment messaggier bejniethom, kien daqstant evidenti li David Meli kien <u>oggezzjona mill-bidu nett</u> ghax-xogholijiet. Kellu ghalhekk juza ghaqal u galbu, u mhux ihaffef sabiex jibda x-xogholijiet qabel isiefer wara z-zwieg tieghu mal-konvenuta. Il-kwistjoni tax-xogholijiet qatt ma kienet definita u ghalhekk ma kien messu qatt pproceda. Inoltre fuq struzzjonijiet tieghu l-avukat tieghu kiteb lil sid il-garaxx tal-kumpannija attrici, minflok involva bil-miktub lill-kumpannija meta kien ben konxju li kien hemm il-problemi.

“F’dan l-istadju din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **<u>“Portelli vs Paula Developments Limited”</u>** deciza fit-3 ta’ Novembru 2006 fejn inghad *inter alia* li l-fatt li l-konvenut ta avviz ma jfissirx li seta’ jipprocedi bil-propositu tieghu minghajr ma jikkommetti spoll. Fil-kaz in ezami kien evidenti li z-zewg diretturi flimkien ma kienux qablu <u>b’mod car u inekwivoku</u> li jsir ix-xoghol li l-konvenut kien qed jipproponi u ghalhekk sehh it-tieni rekwizit tal-ispoll ghax fir-realta’ kull ma sar sehh minghajr il-kunsens espress jew tacitu taghhom.

“L-enfasi li pprova jaghmel il-konvenut li fil-kuntratt tieghu kellu jedd ighaddi l-katusi m’ghandux rilevanza fil-konfront tal-kumpannija attrici. *Ghall-“actio spolii”, l-ispoljant ma jistax jirrispondi “in difesa” li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagni tal-legittimita’ jew le hija riservata ghall-gudizzju petitorju* (**<u>“Agius et vs Agius” – Qorti tal-Appell – 2 ta’ Novembru 1994 – Vol.LXXVIII.II.319</u>**).

**“Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tiddeciedi billi -**
**Filwaqt li <u>tichad</u> l-eccezzjonijiet tal-konvenuti,**

**"<u>Tilqa' l-ewwel talba</u> u tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll skond il-ligi fil-konfront tal-kumpannija attrici.**

**"<u>Tilqa' t-tieni talba</u> u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, sa zmien sitt xhur mil-lum, jispurgaw l-ispoll minnhom kommess, billi jnehhu x-xogholijiet kollha li ghamlu fil-fond erbatax (14) Triq Santu Rokku Zebbug, okkupat mill-kumpannija attrici, u jirripristinaw dak il-fond ghall-istat li kien qabel wettqu l-ispoll, u dan taht is-supervizjoni tal-Perit Robert Musumeci, li qed jigi mahtur minn din il-Qorti ghal dan l-iskop.**

**"<u>Tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet</u> u tawtorizza lill-kumpannija attrici sabiex, fil-kaz li t-terminu moghti lill-konvenuti ighaddi inutilment, fl-ewwel lok, tesegwixxi hi dawk ix-xogholijiet, a spejjes tal-konvenuti, taht is-supervizjoni tal-istess Perit Robert Musumeci, u fit-tieni lok, tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpannija attrici dawk l-ispejjez, prevja konferma taghhom permezz ta' nota guramentata tal-istess Perit Robert Musumeci, u dan b'effett mid-data tal-presentata ta' nota fl-atti ta' din il-kawza.**

**"<u>Tikkundanna</u> lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjes kollha ta' din il-kawza."**

<u>Rikors tal-appell tal-intimati Alexander u Antonia konjuġi Debono</u>:

L-intimati Alexander u Antonia konjuġi Debono ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

L-aggravju prinċipali tagħhom hu li t-tieni element ta' spoll, u ċioe` li kien hemm l-att vjolenti ta' spoll (*spoliatum fuisse*) ma ħariġx pruvat ċar mill-eżami li sar u għalhekk huma jixtiequ li din il-Qorti terġa' teżamina l-fatti u l-provi quddiemha fuq dan il-punt.

Huma jirriferu għal Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili li jirrikjedi l-vjolenza u l-klandestinita` biex tirnexxi azzjoni ta’ spoll, u jsostnu li f’dan il-każ ma kienx hemm. Jispjegaw li huma kellhom l-approvazzjoni tas-soċjeta` rikorrenti biex jagħmlu x-xogħlijiet u saħansitra wieħed mid-diretturi (Raymond Meli) fetħilhom il-bieb u ssorvelja l-post waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet.

Huma jirreferu għal Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta’ Malta, (Att Dwar il-Kumpaniji) u senjatament għal dak stipulat fl-Artikoli 137(4) u 137(5) u jinsistu li meta direttur ta’ soċjeta` jidħol fi ftehim ma’ terza persuna huwa jkun qed jorbot lill-istess soċjeta` anke jekk ikun qed jaġixxi b’mod inkonsistenti mad-doveri u setgħat tiegħu li jirriżultaw mill-atti tas-soċjeta`. Jargumentaw li bl-għemil tiegħu Raymond Meli kien qed juri l-approvazzjoni tiegħu għax-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru u allura independentement minn dak li hemm miktub fil-memorandum u fl-istatut tas-soċjeta` huwa kien qed jorbot lill-istess soċjeta` Meliton Group Ltd.

L-intimati appellanti jilmentaw ukoll għall-fatt li l-ewwel Qorti tat wisq importanza għall-punt li fiż-żmien inkwistjoni iż-żewġ diretturi qajla kienu jitkellmu minħabba diżgwid bejniethom. Huma jibqgħu jinsistu li jekk direttur minnhom wera l-approvazzjoni li jsiru x-xogħlijiet, huma kellhom raġun jifhmu li kellhom il-kunsens neċessarju u jsostnu li s-soċjeta` rikorrenti tat il-kunsens tagħha għax-xogħlijiet li saru, u allura ma jistax jingħad li kien hemm vjolenza jew klandestinita`.

Finalment jaċċennaw ukoll għall-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom fejn qalu li Alexander Debono mhux il-leġittimu kontradittur stante li ma għandu l-ebda titolu fuq il-proprjeta` Amadeus, Triq San Rokku, Żebbug.

**<u>Risposta tas-soċjeta` rikorrenti appellata Meliton Group Ltd</u>:**

Is-soċjeta` appellata wieġbet biex turi li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

Hija tispjega li l-kontestazzjoni f'din il-kawża kienet dwar jekk hija tatx il-kunsens tagħha sabiex isiru x-xogħlijiet inkwistjoni. Hija ssostni li ġie pruvat b'mod ampjament ċar li l-appellanti induċew lil Raymond Meli, wieħed mid-diretturi tas-soċjeta` Meliton Group, bil-qerq biex jiksbu l-kunsens tal-istess soċjeta` għax-xogħlijiet.

Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-appellanti, is-soċjeta` appellata tinsisti li l-fatt li fiż-żmien inkwistjoni ż-żewġ diretturi kienu f'diżgwid bejniethom huwa fatt importanti għaliex juri li ma setgħux effettivament jitkellmu bejniethom u jifthemu dwar dak li għandu jsir fil-kumpanija u li kien proprju għalhekk li l-ewwel Qorti tat daqshekk importanza lil dan il-fatt.

Fi kwalunkwe każ, targumenta s-soċjeta` appellata, il-kunsens tagħha, jekk kien hemm, inkiseb bil-qerq. Di piu` ssostni li x-xhieda tal-appellant Alexander Debono ma kienitx waħda konsistenti għaliex darba xehed li d-direttur David Debono ma taħx permess li jsiru x-xogħlijiet u darb' oħra xehed il ma kienx tah risposta definittiva.

Dwar l-Artikoli ċitati mill-appellanti misluta mill-Att Dwar il-Kumpaniji, is-soċjeta` appellata ssostni li dawn mhux intiżi għal atti ta' din ix-xorta, iżda għal operazzjonijiet ta' kummerċ.

Fl-aħħarnett, fir-rigward tal-ilment tal-appellanti għall-eċċezzjoni li l-intimat Debono mhux il-leġittimu kontradittur għaliex m'għandux titolu fuq il-proprjeta` sovrastanti l-*garage*, is-soċjeta` appellata targumenta li irriżulta b'mod ċar li hu ta l-istruzzjonijiet biex ix-xogħol isir u dan, għall-fini ta' kawża ta' spoll, huwa biżżejjed biex tinstab responsabilita`.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>:**

*L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati: Alexander Debono mhux il-leġittimu kontradittur:*

Qabel ma tikkunsidra l-ilment prinċipali tal-intimati appellanti, u cioe` li t-tieni rekwiżit ta' spoll kien nieqes, din

il-Qorti ser tikkunsidra l-aħħar ilment tal-intimati appellanti, u cioe` li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-ewwel eċċezzjoni tagħhom fejn qalu li Alexander Debono mhux il-leġittimu kontradittur stante li m'għandu l-ebda titolu fuq il-proprjeta` "Amadeus", Triq San Rokku, Żebbuġ.

Huwa minnu li l-ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni preliminari. Kif sostniet is-soċjeta` rikorrenti appellata pero`, din l-eċċezzjoni hija waħda bla bażi għaliex huwa assolutament irrilevanti jekk Alexander Debono għandux titolu fuq il-proprjeta` sovrastanti l-*garage* li fih saru x-xogħlijiet. Dak li hu rilevanti invece għal finijiet ta' kawża ta' spoll hu jekk Alexander Debono kienx involut (direttament jew indirettament) fix-xogħlijiet mertu ta' din l-azzjoni. Fil-fatt l-istess Debono fix-xhieda tiegħu jikkonferma li kien hu li qabbad lill-*plumber* biex jgħaddi l-katusi.[1]

Jekk jirriżulta li x-xogħlijiet inkwistjoni fil-fatt jammontaw għal spoll huwa rrilevanti jekk Alexander Debono għandux titolu fuq il-post ta' fuq il-*garage* jew le (fil-fatt kien ikun irrilevanti anke li kieku kellu saħansitra titolu fuq il-*garage* stess fejn saru x-xogħlijiet) u l-istess Alexander Debono, bħala awtur tal-ispoll[2] f'dak il-każ ikun ordnat jirrestawra l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat u fin-nuqqas ikollu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi mis-soċjeta` rikorrenti appellata jekk tispiċċa li jkollha tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa hi.

Dan l-aggravju għalhekk qed jiġi miċħud.

*It-tieni rekwiżit tal-azzjoni ta' spoll: spoliatum fuisse:*

---

[1] Fol 42: (xhieda in subizzjoni ta' Alexander Debono)

| | |
|---|---|
| *"Dr Claudio Zammit:* | *...Dawn il-katusi min għamilhom?* |
| *Xhud:* | *Il-plumber tiegħi.* |
| *Dr Claudio Zammit:* | *Jiġifieri fuq inkarigu ta' min, inti tajtu struzzjonijiet?* |
| *Il-Qorti:* | *Inti qabbadtu jiġifieri qed jgħidlek?* |
| *Xhud:* | *Iva* |

[2] L-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li l-azzjonijiet ta' spoll isiru kontra l-"awtur tal-ispoll".

L-intimati appellanti jsostnu li huma kellhom l-approvazzjoni tas-soċjeta` rikorrenti appellata biex isiru x-xogħlijiet inkwistjoni u li allura l-istess xogħlijiet ma jammontawx għal spoll għaliex ma kien hemm l-ebda vjolenza jew klandestinita` fir-rigward. Huma ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li kkonkludiet li għaliex iż-żewġ diretturi tas-soċjeta` rikorrenti appellata ma kienux qablu b'mod ċar u inekwivoku li jsiru x-xogħlijiet li l-intimat kien qed jipproponi, ifisser allura li t-tieni rekwiżit ta' azzjoni ta' spoll kien jissussisti għaliex fir-realta` kull ma seħħ kien mingħajr il-kunsens espress jew taċitu tagħhom.

Din il-Qorti xtarret u eżaminat b'reqqa kbira x-xhieda tal-partijiet għaliex huwa minn studju akkurat tal-verżjonijiet differenti li wieħed jista' jasal biex jikkonkludi jekk it-tqegħid tal-katusi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kienx jammonta għal spoll jew le.
<u>**(1) David Meli**</u>: <u>jgħid li qatt ma ta l-permess għax-xogħlijiet.</u>

David Meli, wieħed mid-diretturi tas-soċjeta` rikorrenti appellata, xehed illi l-intimat appellant Alexander Debono kien ċempel kemm lil ħuh Raymond Meli kif ukoll lil ibnu Adrian Meli u talabhom il-permess biex isiru x-xogħlijiet. Huma kienu irreferewh lilu (lil David Meli). Huwa xehed li <u>qatt ma tah il-permess</u> biex jgħaddi l-katusi u li assolutament mhux minnu li kien qallu diskors fis-sens li għalkemm hu ma jaqbilx, peress li huma kumpanija, irid ikellem lil ħuh. Qal ukoll li kien fil-fatt tkellem ma' ħuh Raymond dwar il-kwistjoni u li kien infurmah li hu ma riedx jagħti l-permess lil Alexander Debono biex jgħaddi l-katusi.

<u>Affidavit </u>(fol. 34 *et seq*)

*"Meta Alexander Debono ċempilli ġewwa l-uffiċċju tiegħi il-Belt, jiena infurmajtu li peress li aħna kumpanija ma stajtx nagħtih permess biex jagħmel din l-estenzjoni u wrejtu biċ-ċar li lanqas jekk ikellem lil ħija ma jiena ħa nagħtih permess għax fehmtu li dan ħa jkun ta' sogru u dannu għall-merkanżija li l-kumpanija żżomm ġo dal-maħżen."*

*"Alexander Debono baqa' jiffittani fuq din il-kwistjoni pero` jien qatt ma stajt intih permess biex jagħmel xi pajpijet jew katusi għax inkela kont qed inżid ir-riskju li tista' ssir xi ħsara fuq il-merkanzija tiegħi. Meta ċempilli darb' oħra s-sur Debono insista li niltaqa' miegħu fil-maħżen flimkien ma' ħija Raymond u jien għidtlu li ma kontx ser intih permess biex jagħmel dawn il-katusi."*

<u>Eżami u kontro-eżami</u> (fol. 96 *et seq*)

"*Għidtlu għax diġa kien hemm katusi neżlin hemmhekk tad-drainage li kienu hemm, għidtlu t-tieni ħaġa jiena mhux se nippermetti li jgħaddu katusi oħrajn minn ġos-saqaf li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-merkanzija tagħna għax dawna b' xi mod jew ieħor ħa jillijkjaw u affarijiet minn dawn."*

Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa jeskludix li qatt qal lil Alexander Debono li huwa ma jaqbilx li jsiru l-katusi pero` peress li huma kumpanija kellu jkellem lil ħuh, huwa wieġeb: *"Neskludih. Jiena kull ma għidtlu hemm ma nistax bl-ebda mod intik permess minħabba dannu tal-merkanzija tiegħi.*"

Isostni wkoll li kien qal lil ħuh Raymond li huwa ma riedx jagħti permess li Alexander Debono: "*Eħe kien ċempilli Raymond mhux did-darba għax kien hemm ħafna drabi li kien ċempel, għidtlu daka no way. Qalli għax qed idejjaqni jċempilli, għidtlu anka lili ċempilli imma mhux se ntih permess*." Jerġa' jsemmi fix-xhieda tiegħu li Raymond kien qallu iktar minn darba bil-kwistjoni: "*Iva kien hemm iktar minn darba fejn qalli dan qiegħed idejjaqni, għidtlu whatever, irreferih għalija*".

David Meli xehed li ħuh Raymond Meli kien fetaħlu għaliex Alexander Debono qallu li hu (David) kien tah il-permess. "…*u meta jiena ċempiltlu biex nara il-għala saru l-affarijiet qalli dak ġie qalli li inti tajtu permess, qalli mela daħak bija*."

**(2) Raymond Meli**: jgħid li l-intimat tah x'jifhem minn kliemu li David Meli kien tah il-permess.
Raymond Meli, id-Direttur l-ieħor tas-soċjeta` xehed li Alexander Debono kien iċempel il-*warehouse* tal-Imrieħel biex jitlobhom jgħaddi l-katusi mill-i*store* tas-soċjeta` u huma dejjem kienu jirreferuh biex jieħu l-permess mingħand id-Direttur l-ieħor David Meli. Huwa spjega li Alexander Debono darba minnhom kien ċempillu u qallu li ħuh David Meli kien qallu li peress li ċ-ċwievet qegħdin għandu (għand Raymond) kellu jiftaħlu hu, u l-istess Raymond Meli kien ħadha li David Meli tah il-permess.

Eżami u kontro-eżami (fol. 68 *et seq*)

"*Mr Debono ċempilli lura qalli qallek ħuk iċ-ċwievet għandek u int trid tiftaħli. U jiena dak il-ħin ħadtha mela li David Meli tah il-permess*."

Mistoqsi jekk huwa kienx tkellem direttament ma' ħuh David huwa wieġeb "*Le, le, qatt ma tkellimt ma' David Meli*". Huwa fil-fatt xehed li kienu miksurin u li ma kienux jitkellmu, u sa fejn jaf hu Alexander Debono ma kienx jaf li kienu miġġildin.

Raymond Meli kkonferma wkoll li meta saru x-xogħlijiet huwa kien preżenti: "*Iva, l-ħin kollu kont magħhom". "Ma kontx naf li qed nikser il-kelma ta' ħija imma."* Mistoqsi jekk huwa kienx fetaħ bħala Direttur tal-kumpanija huwa rrisponda fl-affermattiv: "*Iva.*"

**(3) Carmel Caruana:** jgħid li dakinhar li waħħal il-katusi fil-*garage* tas-soċjeta` Meliton Group Ltd, Raymond Meli għamel il-ġurnata kollha miegħu.

Carmel Caruana li kien dak il-*plumber* li għamel ix-xogħlijiet inkwistjoni, xehed li wara li Alexander Debono kien tah in-numru ta' Raymond Meli huwa ċempel lill-istess Raymond Meli u ftehmu ġurnata biex ikunu jistgħu jispezzjonaw il-post. Wara li marru fuq il-post Raymond Meli kellu jagħmel xi operazzjoni u għalhekk kienu ftehmu li jsiru x-xogħlijiet wara li jkun irkupra. Għalhekk Carmel Caruana ħalla xi żmien jgħaddi imbagħad ċempel lil

Raymond Meli u ftehmu fuq ġurnata biex isiru x-xogħlijiet. Huwa jikkonferma li dakinhar li għadda s-sistema tad-drenaġġ l-istess Raymond Meli qagħad miegħu il-ġurnata kollha.

**(4) Alexander Debono**: jgħid li meta Raymond Meli ċempillu u qallu biex jurih x'xogħlijiet ried jagħmel fil-*garage*, huwa fehem li s-soċjeta` kienet aċċettat.

L-intimat Alexander Debono xehed li meta kien ikkomunika ma' David Meli, dan kien qallu li ma riedx li jgħaddu l-katusi pero` qallu li kellu jkellem lil ħuh Raymond Meli. Xehed li lil Raymond Meli ma setax jaqbdu u meta reġa' ċempel lil David Meli huwa reġa' qallu li kien ma' Raymond li kellu jitkellem. Huwa imbagħad kiteb ittra lis-sid tal-*garage*. Sussegwentement Raymond Meli ċempillu u qallu li ried jara x-xogħol li huwa ried jagħmel fil-*garage*. B'dan Alexander Debono fehem li l-kumpanija kienet aċċettat.

Xhieda in subizzjoni u kontro-eżami (fol. 41 *et seq*)

"*Jiena l-ewwel darba li ċempilt lis-sur David Meli u saqsejtu biex jiftaħli l-garage biex ngħaddu l-katusi, qalli li ma jridx li jgħaddu l-katusi, qalli wkoll pero` li dawn l-affarijiet jieħu ħsiebhom ħuh u rrid inċempel lil ħuh*".

Huwa spjega li lil ħuh Raymond ma rnexxilux jaqbdu u għalhekk reġa' ċempel lil David Meli: "*Erġajt ċempilt lil David Meli u qalli lilu trid taqbad, qalli agħmel li trid mhux affari tiegħi*."

Żied jgħid li darba fost l-oħrajn ċempillu ħu David Meli, ċioe` Raymond Meli, biex jara x'xogħol ried jagħmel fil-*garage*. "*Jien għidtlu ma nifhimx, għidtlu l-aħjar tkun hawn mal-plumber u tara mal-plumber jispjegalek hu xi jrid isir, u fl-istess ħin jekk hemm xi mod idfferenti kif jgħaddi tara miegħu. Mela ġew, niżlu fil-garage jaraw ix-xogħol qed isir, kien qalli li kien ħa jidħol l-isptar għal xi operazzjoni*."

Alexander Debono xehed li meta Raymond Meli qallu li ried jara x-xogħol li huwa ried jagħmel fil-*garage* mikri lilhom huwa ħadha li l-kumpanija kienet aċċettat. "*Kif ġie Raymond u qalli biex jara x-xogħol, il-kumpanija aċċettat li jsir ix-xogħol għalija*".
Huwa xehed li x-xogħol sar meta hu u l-mara kienu imsefrin; Raymond Meli u l-*plumber* ikkomunikaw bejniethom, sar ix-xogħol, u meta ġie lura mis-safar sabu lest.

<u>Xhieda in subizzjoni u kontro-eżami</u> (fol. 85 *et seq*)

Mistoqsi dwar jekk qattx kellem lil David Meli, Alexander Debono wieġeb li kien kellmu fuq it-*telephone* qabel ma sar ix-xogħol. "*Hu qalli l-ewwel ħaġa illi ħuh jieħu ħsieb dawn l-affarijiet u t-tieni ħaġa li hu ma jaqbilx pero` iridu jiftiehmu bejniethom, għax kumpanija u affarijiet hekk*."

Mistoqsi jekk David Meli qattx oġġezzjona għax-xogħol li huwa ried jagħmel huwa wieġeb *"….kif ċempiltlu qalli li hu ma jaqblix imma jrid jara, irid isir ftehim mal-kumpanija tiegħu*." "*Ir-reazzjoni tiegħu kienet mhux le qal, qal jien ma naqbilx, il-kliem tiegħu kien li ma jaqbilx….pero` qalli aħna kumpanjia, irridu niftiehmu bejnietna…"*

Huwa spjega li pprova jaqbad lil Raymond Meli diversi drabi u għalxejn imbagħad bagħat ittra lis-sid tal-*garage*. Wara li bagħat l-ittra, Raymond Meli ċempillu: "…*kull ma naf wara li għamilna l-ittra ċempilli Raymond Meli biex jiġi jara x'xogħol irridu nagħmlu u ġie u ra x-xogħol, kont hemm jien, kien hemm il-plumber u kien hemm Raymond Meli*."

Mistoqsi mill-Qorti jekk waqt li kienu hemm it-tlieta: hu, Raymond Meli u l-*plumber* tqajjimx isem David, fis-sens li huwa ma jaqbilx ma' din il-biċċa xogħol, huwa rrisponda "*Le, ma qalli xejn u ma saqsejtu xejn jien*." Għalih kienu ftehmu biex jibda x-xogħol. "*Ftehmu u lesti, li kieku mhux ħa jiġi biex jara x-xogħol li rridu nagħmlu u ma qalli xejn, ma qallix, isma' kieku kien il-każ kien jgħidli isma, ħa niġi nara x-xogħol pero` l-ewwel għadna rridu nifthemu biex naqtgħu kundanna*." Mistoqsi jekk lil Raymond Meli kienx

qallu li ħuh David tah permess huwa wieġeb "*Le, jiena lil Raymond qatt ma għidtlu isma' David qalli orrajt, mexxi".*

Wara li saru x-xogħlijiet Raymond Meli ċempel lil Alexander Debono:

"*Raymond qalli ħija ma kienx jaf b' din il-biċċa xogħol? Għidtlu mhux intom kellkom tiftiehmu bejnietkom*?"

<u>**(5) Adrian Meli**</u>: <u>jgħid li huwa mingħalih li zijuh David Meli kien irrefera lil Alexander Debono lil missieru u missieru kien aċċetta.</u>

Adrian Meli, bin Raymond Meli, xehed li darba waqt li kien fil-maħżen ġie ta' fuqhom (għalkemm ma jiftakrux di vista) u qallu li ried iġib perit sabiex iċaqlaq xi katusa. Huwa qallu li l-ewwel kellu jinforma d-diretturi. Huwa xehed li kemm missieru kif ukoll zijuh David Meli kienu jafu.

"*Hu kien saqsa liz-ziju tiegħi mid-dehra jekk niftakar sew u z-ziju kien qallu staqsi lil missieri u missieri mid-dehra aċċetta u jiena mort niftaħlu*."

<u>Minn dawn il-provi din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet</u>:

Skont iż-żewġ diretturi tal-kumpanija, David Meli u Raymond Meli, Alexander Debono kien ikkuntattja lil Raymond Meli l-ewwel, u dan kien irreferih lil ħuh David Meli għaliex il-permess kellu jieħdu mingħandu. Skont Alexander Debono pero`, (u anke Adrian Meli) huwa kien ikkuntattja lil David Meli l-ewwel, u hu kien irreferih lil ħuh Raymond. Fil-fatt Debono xehed li meta ma rnexxilux jaqbad lil Raymond Meli u reġa' spiċċa kkuntattja lil David Meli, dan tal-aħħar qallu li kien ma' Raymond li kellu jitkellem.

David Meli xehed li huwa kien dejjem għamilha ċarissima ma' Alexander Debono li huwa ma riedx li jsiru x-xogħlijiet, iżda Alexander Debono da parti tiegħu xehed li minkejja li kien qallu li ma riedx li jgħaddi l-katusa mill-*garage*, qallu li

dawn l-affarijiet jieħu ħsiebhom ħuh u għalhekk irreferih lilu.

Raymond Meli xehed li hu u ħuh David Meli kienu miksurin u ma jitkellmux, iżda David Meli fix-xhieda tiegħu semma li kienu jitkellmu; fil-fatt xehed li Raymond kien iċempillu diversi drabi u kienu anke ddiskutew il-fatt li Alexander kien qed jiffitta lil Raymond fir-rigward tax-xogħlijiet.

David Meli xehed li Alexander Debono kien qal lil Raymond li hu (David) kien tah il-permess. Dan pero` mhux ikkonfermat minn Raymond Meli nnifsu li xehed li huwa kien "assuma" li ħuh kien ta l-permess lil Alexander Debono sabiex isiru x-xogħlijiet meta Alexander Debono qallu li David Meli  kien qal li ladarba ċ-ċwievet qegħdin għand Raymond huwa Raymond li kellu jiftaħ. Jirriżulta wkoll li Raymond Meli qatt ma ndenja jivverifika ċar u tond ma'  Alexander Debono jekk ħuh David kienx ta l-permess għax-xogħlijiet.

Min-naħa tiegħu Alexander Debono ċaħad li qatt qal lil Raymond Meli li David Meli kien tah l-permess. Anzi huwa, in vista tal-fatt li Raymond ċempillu sabiex imorru fuq il-post u jaraw x'xogħol kellu jsir, fehem li l-kumpanija kienet aċċettat.

Din il-Qorti ma tħossx li t-tort għandu jingħata lil Alexander Debono għall-fatt li huwa b'"nuqqas ta' għaqal" ipproċeda bix-xogħlijiet minkejja li David Meli kien oġġezzjona li jsiru x-xogħlijiet mill-bidunett, kif irriteniet l-ewwel Qorti. Veru li l-kwistjoni ma kienitx tidher definita mija fil-mija fis-sens li ma kienx hemm il-*go ahead* officjali sabiex isiru x-xogħljiet da parti tas-soċjeta`, iżda wieħed irid jirrikonoxxi u japprezza l-fatt li l-intimat Alexander Debono ma qabadx u sgassa l-bieb u għamel ix-xogħlijiet bil-moħbi. <u>Kien Raymond Meli stess, wieħed mid-Diretturi, li fetaħlu fil-vesti tiegħu ta' Direttur tal-kumpanija</u>, <u>u saħansitra qatta' l-ġurnata kollha mal-*plumber* dakinhar li saru x-xogħlijiet, kif jikkonferma l-istess *plumber*</u>.

Alexander Debono fl-ebda mument ma qal lil Raymond li David tah il-*go ahead* sabiex isiru x-xogħlijiet. Huwa kull ma qallu kien li David kien qallu li ċ-ċwievet kienu għandu (għand Raymond) u allura kien hu li kellu jiftaħ. Din id-dikjarazzjoni hija waħda pjuttost vaga u bl-ebda mod ma kellha tiġi interpretata li David kien biddel ħsiebu u ddeċieda li jagħti l-permess. Anke jekk Raymond Meli fehem dan id-diskors bħala li David Meli kien qed jagħti l-permess, huwa la qatt indenja ruħu jsaqsi speċifikatament lil Alexander Debono jekk dan hux il-każ, u lanqas ma ndenja jivverifika ma' David Meli nnifsu.

Veru li hu u ħuh David Meli kienu miksurin, pero` dan ma kienx iżommhom milli jitkellmu u jikkomunikaw bejniethom u fil-fatt skont David Meli kien hemm fil-fatt komunikazzjoni bejniethom fir-rigward tal-kwistjoni. Naqas għalhekk Raymond Meli li ma sabx mezz kif jivverifika b'mod ċar u tond li ħuh, id-direttur l-ieħor, li kien oriġinarjament qallu "*no way*" issa kien biddel fehmtu u ddeċieda li jagħti l-permess. Hija ħaġa li ma ddoqqx.

Jekk xi ħadd kellu juża l-għaqal u l-galbu kien proprju Raymond Meli, bħala Direttur tal-kumpanija, li jivverifika li dak li Alexander Debono kien qed itih x'jifhem, kien fil-fatt fondat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li l-aħwa kienu miksurin ma teżentax lill-istess Raymond Meli mill-obbligu tiegħu li jivverifika ma' ħuh stess li fil-fatt kien hemm il-kunsens tiegħu, speċjalment meta kien jaf ben tajjeb li ħuh assolutament ma riedx jagħti l-permess għax-xogħlijiet u kien saħansitra qallu li jekk jibqa' jiffittah kellu jirreferih lilu.

Għalhekk, għalkemm il-kunsens taż-<u>żewġ</u> Diretturi tal-kumpanija Meliton Group Ltd ma jirriżultax pruvat, jibqa' l-fatt li kien Direttur u rappreżentant tal-kumpanija dak li fetaħ il-*garage* biex isiru x-xogħlijiet lamentati. Din il-Qorti ma tħossx li hu l-każ fejn Alexander Debono daħaq b'Raymond Meli, kif qed tipprova targumenta s-soċjeta` rikorrenti appellata, iżda aktar huwa l-każ fejn Raymond Meli refa' r-responsabilita` b'mod leġġer għall-aħħar u għamel assunzjonijiet li bniedem raġjonevoli f'tali ċirkostanzi ma kellux jagħmel. Alexander Debono ma

għamel xejn klandestinament jew bil-vjolenza, u jekk kien hemm xi malintiż jew assunzjoni erronea da parti ta' Raymond Meli dan ma jfissirx li x-xogħlijiet jammontaw għal spoll. L-imġieba tiegħu bħala Direttur tal-kumpanija ma setgħetx tiġi interpretata b'mod ieħor ħlief li s-soċjeta` Meliton Group Ltd kienet qegħdha tagħti l-kunsens tagħha sabiex isiru x-xogħlijiet.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:
i) tilqa' r-rikors tal-appell u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata,

ii) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni peress li mhux minnu li Alexander Debono mhux il-leġittimu kontradittur,

iii) tiċħad it-tieni eċċezzjoni peress li f'kawża ta' spoll il-Qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjonijiet petitorji;

iv) tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-intimati appellanti u tiddikjara li l-element ta' spoll ma jirriżultax pruvat, u

v) konsegwentement tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mis-socjeta` rikorrenti appellata, ħlief l-ispejjeż dwar l-ewwel eċċezzjoni li jitħallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------